

Brussell, 30 ta' Jannar 2026  
(OR. en)

5535/26  
PV CONS 1  
ECOFIN 60  
*PARLNAT*

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA<sup>1</sup>  
(Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)  
20 ta' Jannar 2026

---

<sup>1</sup> Fil-preżenza tal-President tal-BEI.

## 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 5109/26.


## 2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) **Lista mhux leġiżlattiva** 5111/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

b) **Lista leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 5112/26

### Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

1. **Deċiżjoni dwar l-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Ġordan**  5083/26  
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*  
PE-CONS 55/25  
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-14.01.2026  
ECOFIN


Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 212(2) TFUE).

### Affarijiet Ġenerali

2. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755 fir-rigward tal-ammonti allokati lil Stati Membri skont ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit**  5082/26 REV 1 +  
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*  
ADD 1 REV 1  
PE-CONS 53/25  
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-14.01.2026  
COH

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 175 TFUE), bil-Bulgarija tastjeni. Id-dikjarazzjonijiet mill-Bulgarija u l-Italja għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

### Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Programm ta' ħidma tal-Presidenza   
*Preżentazzjoni mill-Presidenza*  
*Skambju ta' fehmiet*
4. L-impatt ekonomiku u finanzjarju tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna  
*Skambju ta' fehmiet*

- |    |   |   |
|----|---|---|
| 5. | Irkupru Ekonomiku fl-Ewropa<br>Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<br>(Bażi legali: l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/241)<br><i>Adozzjoni</i>    | ☐(*) 16877/25 + ADD 1<br>17019/25 + ADD 1<br>17026/25 + ADD 1<br>17028/25 + ADD 1<br>17030/25 + ADD 1<br>17031/25 + ADD 1 |
| 6. | Semestru Ewropew 2026<br>Konklużjonijiet dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2026<br><i>Approvazzjoni</i>   | 5087/26   |
| 7. | Implimentazzjoni tal-qafas ta' governanza ekonomika<br>Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv<br>(Bażi legali: l-Artikoli 126(6) u 126(7) TFUE)<br><i>Adozzjoni</i> | ☐(*) 5093/26<br>5094/26   |
| 8. | Affarijiet oħra   |   |

- 
- ☐ Dibattitu pubbliku (Artikolu 8(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- ☐ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- (\*) Punt li jista' jintalab vot dwaru
-

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 5112/26**

**Dwar il-punt "A"**  
**nru 2:**

Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755 fir-rigward tal-ammonti allokatil lil Stati Membri skont ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit

*Adozzjoni tal-att leġislattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"F'konformità mal-qafas legali applikabbli li jirregola r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, il-Bulgarija ppreżentat kif xieraq talba għal pagament għal nefqiet ivverifikati li jammontaw għal EUR 882 158.92, imġarrba qabel it-30 ta' Settembru 2024, li għadha ma ġietx rimborżata mill-Kummissjoni Ewropea.

F'dan il-kuntest il-Bulgarija tqis li l-ammont imsemmi hawn fuq ma għandux jiġi affettwat mill-Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755 fir-rigward tal-ammonti allokatil lil Stati Membri taħt ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit" [2025/0289 (COD)]."

**DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA**

"Filwaqt li tirrikonoxxi r-riżultati tal-Analiżi ta' Nofs it-Terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali fir-rigward tar-riallokazzjoni tal-ammonti tal-2025 skont ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, l-Italja tenfasizza d-diffikultajiet operazzjonali li jirriżultaw mir-reviżjoni teknika inkluża fil-proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755, b'impatt ta' €30.8 miljun fuq l-allokazzjoni Taljana, fid-dawl tal-impenji legalment vinkolanti magħmula fil-livell nazzjonali.

L-Italja tfakkar fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom ittiegħdet din id-deċiżjoni fil-kuntest tal-Analiżi ta' Nofs it-Terminu u tissottolinja li tali intervent fl-allokazzjoni finanzjarja ta' strument implimentat ma għandux jistabbilixxi preċedent, u b'hekk jissalvagwardja l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi pubbliċi mill-korpi amministrattivi kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni."